MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Numru. 71/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Herman Abela ta’ 44 sena, iben Vincent Oliver u Mary Elizabeth nee’ Asciak, imwieled Attard Malta nhar il-1 ta’ Awwissu 1968, residenti fil-fond Regent Crt, Fl7, Triq Achille Ferris, Msida Malta u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 310068(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Herman Abela li gie akkuzat talli nhar is-17 ta’ Lulju 2009, gewwa Triq Ghajn Qasab, Nadur, Ghawdex u f’postijiet ohra gewwa Ghawdex, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Joseph Vella (ID No. 256657M) liema hsara

tiskorri l-valur ta' mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47)

Rat id-dokumenti;

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-28 ta' Awwissu 2009 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat illi ikkaguna hsara volontarjament fuq *paraglider* proprjeta ta' Joseph Vella. Illi l-Qorti mal-ewwel tosserva illi ma hemm l-ebda prova fl-atti li tista' tindika illi l-imputat ikkaguna l-hsara fuq dina l-*paraglider* intenzjonalment u dana ghas-sewgenti motivi.

Illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi l-parti leza, li ghandu id-delizju tal-*paragliding*, fil-jum ta' dana l-incident kien qieghed ir-Ramla l-Hamra jipprattika id-delizju tiehu. Kif lesta huwa firex dana il-*paraglider* fi triq pubblika sabiex ikun jista' jitwija u jerfaghha. Mix-xhieda tieghu stess jirrizulta illi dana mhux solitu isir peress illi jidher illi dawn id-dilettanti jifirxu il-*paragliders* f'zona riservat ghaldaqshekk. Izda jidher illi f'dana il-jum ix-xatba li taghlaq dina iz-zona kienet imsakkra u huwa ma setax jaghlaqha hemm u iddecieda illi jifrixha fit-triq.[1] Mir-ritratti esebieti mill-parti leza, jidher car illi il-parti tat-triq fejn huwa firex dina l-*paraglider*, tkun mizghuda bil-vetturi[2]. Joseph Vella ighid illi hekk kif kien tewa il-gnub tal-*paraglider* sabiex din ghalhekk ckienet fid-daqs taghha, innota lill-imputat qed jirriversja il-vettura fid-direzzjoni tieghu u ghalhekk beda ighajjat u ighamillu sinjali b'idejh biex jieqaf. Ighid illi hekk kif l-imputat wasal vicin il-*paraglider* huwa waqaf, u osservah idur u ihares lura lejh

[1] Ara xhieda ta' Joseph Vella a fol. 34 u ritratt Dokument JV2 a fol.37
[2] Ara ritratti Dokumenti JV3 sa JV11

ghal ftit sekondi. F'dana il-hin Vella waqaf ighajjat u ma kellimx lill-imputat. L-imputat ghalhekk irriversja ghal madwar tletin centimetri biex b'hekk rifes fuq il-paraglider. Vella ighid illi imbaghad l-imputat ghaqqad ir-roti fuqha u saq minn fuq il-post. Dak il-hin huwa gie infurmat minn xi nies li kien hemm fl-akwati illi l-imputat kien telaq minn fuq il-post ghax induna li kien gie misruq. Vella ghalhekk iddecieda imur ifittxu fil-port ta'l-Imgarr u dan bl-assistenza tal-pulizija. Fil-fatt l-imputat instab fl-kju tal-vetturi fil-*marshalling area* tal-Gozo Channel qed jistenna biex jirkeb il-vapur lejn Malta. Meta mitkellem mill PC975 Paul Abela huwa jichad illi ghamel xi hsara f'din il-*paraglider*.

Steve Portelli, li dak in-nhar kien fuq il-post ta'l-incident flimkien mal-parti leza, jikkorrobra x-xhieda ta' Vella.[3] Il-parti leza jikkontendi illi sofra hsara f'dina l-paraglider fl-ammont ta' €585 u ezebixxa ir-ricevuti in sostenn ta' dan.[4]

Illi l-imputat jaghzel li jiehu l-pedana tax-xhieda. Huwa jichad kategorikament illi ikkaguna xi hsara fil-*paraglider* ta' Vella. Jikkonferma illi dak in-nhar huwa kien qieghed ir-Ramla il-Hamra fejn sefa derubat u ghalhekk iddecieda jinzel lura lejn Malta. Ighid illi meta irriversja l-vettura tieghu ma kien hemm xejn mal-art. Jiftakar li kien ipparkeggjat vicin gabbana, irriversja u telaq. Jikkontendi illi billi ghandu ventura tal-ghamla *four wheel drive*, il-hsara fuq il-*paraglider* kien ikun ferm iktar gialdarba kieku ghaqqad ir-roti kif jikkontendi Vella din il-*paraglider* kienet tingibed mar-rota u kien jibqa igorrha mieghu.

Illi maghmula dina l-esposizzjoni tal-fatti, mill-ewwel jidher car illi l-imputat qatt ma jista' jinsab hati tar-reat tal-hsara volontarja billi huwa ma kellux l-intenzjoni jahmel hsara fuq il-*paraglider*. Fl-aghar ipotesi huwa jista' jinstab hati biss dwar hsara involontarja kif previst l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:.

[3] Ara xhieda ta' Steve Portelli a fol.24
[4] Ara ricevuti Dokumenti JV16, JV17 u JV18 a fols.39 sa 41.

"**Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab hati …**"

Il-Prosekuzzjoni u l-parti civile ghalhekk jenhtigielhom jippruvaw illi l-imputat wera nuqqas ta' hsieb, kien traskurat jew wera nuqqas ta' hila fl-arti jew il-professjoni tieghu. Illi l-Qorti tosserva qabel xejn illi Joseph Vella kien firex il-*paraglider* fi triq pubblika minghajr ma ghamel xi sinjal li jindika dan, f'post li ikun mizghud bil-vetturi. Fil-fatt jidher illi dawn id-dilettanti mhux solitu jaghmlu dan izda jitwu u jerfghu il-*paraglider* taghhom f'post appozitu li fil-jum ta' dana l-incident inzerta kien maghluq b'xatba u ghalhekk ma setax jifrixha kif xtaq. Illi dina il-*paraglider* kienet mifruxa fl-art u Vella kien diga tewa il-gnub taghha tant illi dina kienet ckienet fid-daqs taghha. Gara illi l-imputat, li dak in-nhar x'aktarx kien xi daqsxejn mifxul ghax kien ghadu kemm gie derubat hareg mill-parkegg tal-vettura tieghu billi irriversja. Huwa ighid illi ma kien osserva xejn fl-art u ghalhekk saq minn fuq il-post. Vella minn naha tieghu ighid illi beda ighajjat u jaghmel sinjali b'idejh fid-direzzjoni ta'l-imputat, tant illi l-imputat waqqaf il-vettura tieghu u ma baqax isuq. Izda jidher illi Vella hawnhekk ma spjegalux ir-raguni 'il ghala kien qed iwaqqaf lill-imputat u ghalhekk l-imputat kompla b'dak li kien qed jaghmel u cioe' irriversja naqra ohra sabiex ikun jista' idur u telaq minn fuq il-post. Illi l-Qorti temmen illi kien kemmxejn impossibbli illi l-imputat jilmah anke mill-mirja tal-vettura tieghu *paraglider* li f'dak il-mument kienet tinsab kwazi taht il-vettura tieghu. Kien Vella li messu gibidilu l-attenzjoni ghall-fatt f'dak il-mument, illi kien hemm il-*paraglider* fl-art sabiex huwa ma ikompliex iregga' lura il-vettura tieghu, haga li Vella ma ghamilx. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-imputat ma ghandux jahti ghal dana is-sinistru billi  fl-ewwel lok, il-parti leza ma messu qatt firex il-*paraglider* tieghu fi triq pubblika minghajr ma jaghmel sinjali appoziti illi huwa kien ghamel dan u fit-tieni lok, messu gibed l-attenzjoni ta'l-imputat ghal dana il-fatt

billi għall-imputat kien impossibbli illi huwa jara *paraglider* li kienet fl-art wara l-vettura tiegħu.

Għaldaqstant abbazi ta' dawn il-motivi, l-imputat qed jiġi illiberat mill-akkuza mijuba fil-konfront tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------